MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## GRAZIELLA BEZZINA

Seduta tat-28 ta' Mejju, 2014

Talba Numru. 274/2013

**Falzon Sant Manduca Alfred**
**(ID-417542M)**
**ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta'**
**Albert F.S. Manduca Limited**
**(C247)**

**vs**

**Tonna Jesmond**
**ID-585974(M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet lil dan it-Tribunal sabiex jikkundanna lill-konvenut ihallas is-socjeta' attrici s-somma ta' elf, mija seba' u ghoxrin ewro u sebghin ewro centezmi (€1,127.70c) rapprezentanti prezz ta' merkanzija lilu mibjugha u kkonsenjata izda mhux imhallsa hekk kif jirrizulta mis-*statements* annessi u mmarkati bhala Dok. 'A'.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tal-17 ta' Jannar, 2013 u bl-imghaxijiet legali mis-17 ta' Jannar, 2013 sal-gurnata tal-pagament effettiv kontra l-konvenut li hu ngunt ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondi ghalih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill- konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf mija u sebgha u ghoxrin ewro u sebghin centezmu (€1,127.70c), bl-imghax kif mitluba. L-ispejjez jkunu a karigu tal-konvenut.

## < Sentenza Finali >

-------------------------------TMIEM--------------------------------